

Brussell, 23 ta' Mejju 2022  
(OR. fr, en)

9114/22

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0419(COD)

---

TRANS 285  
TELECOM 220  
IND 169  
CODEC 694  
DATAPROTECT 153  
DIGIT 99  
IA 73

## RAPPORT

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8883/22	
Nru dok. Cion: 15114/21 + ADD1	
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/40/UE dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport - Approċċ ġenerali

---

### I. INTRODUZZJONI

1. Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta li temenda d-Direttiva 2010/40/UE dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport ("id-Direttiva dwar is-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (STI)'), li hija parti minn pakkett ta' erba' inizjattivi li għandhom l-għan li jimmodernizzaw is-sistema tat-trasport tal-Unjoni u li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn mobbiltà aktar nadifa, aktar ekoloġika u aktar intelliġenti.

2. L-għanijiet ewlenin ta' din il-proposta, li hija bbażata fuq l-Artikolu 91 TFUE, huma li: (a) jitqies il-progress teknoloġiku, bħall-mobbiltà konnessa u awtomatizzata jew l-applikazzjonijiet tal-mobbiltà fuq talba, u (b) tittejjeb id-disponibbiltà, l-użu mill-ġdid u l-interoperabbiltà tad-data.
3. Il-proposta ssegwi l-evalwazzjoni tad-Direttiva eżistenti mwettqa fl-2019, li identifikat il-problemi li ġejjin: i) nuqqas ta' interoperabbiltà u kontinwità tal-applikazzjonijiet; ii) nuqqas ta' ftehim u ta' kooperazzjoni effettiva bejn il-partijiet ikkonċernati; u iii) disponibbiltà insuffiċjenti u nuqqas ta' rieda għall-kondiviżjoni tad-data.
4. Biex tindirizza dawn il-lakuni, il-Kummissjoni tipproponi, fost l-oħrajn, li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u li ssir obbligatorja d-diġitalizzazzjoni ta' ċerta informazzjoni dwar it-toroq relatata mas-sikurezza fit-toroq, mat-traffiku u mal-ivvjaġġar multimodali obbligatorja fuq in-network tat-TEN-T<sup>1</sup> u fuq in-network kollu tat-toroq. Fl-istess ħin, il-varar ta' ċerti servizzi essenzjali tas-STI isir obbligatorju wkoll.
5. Il-proposta hija parti minn pakkett ta' inizjattivi leġiżlattivi li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-għanijiet tad-dekarbonizzazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u ta' reżiljenza akbar fl-infrastruttura tat-trasport.
6. Id-diġitalizzazzjoni hija parti mill-Istrateġija Ewropea għad-Data ta' Frar 2020<sup>2</sup>, li ħabbret il-ħolqien ta' disa' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi ekonomiċi strateġiċi u oqsma ta' interess pubbliku, inkluż l-ispazju komuni Ewropew tad-data dwar il-mobbiltà. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2021<sup>3</sup>, il-Kunsill Ewropew appella għal progress rapidu fl-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jinħolqu tali spazji tad-data settorjali.

---

<sup>1</sup> In-network trans-Ewropew tat-trasport, li għalih ġew stabbiliti linji gwida fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013. Ir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament hija l-inizjattiva ewlenija tal-"Pakkett dwar il-Mobbiltà Ekoloġika u Effiċjenti".

<sup>2</sup> COM(2020) 66 final.

<sup>3</sup> EUCO 17/21.

7. Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-STI, bħala parti minn dan l-ispazju komuni Ewropew tad-data, jikkontribwixxi għall-forniment ta' sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieq, bħal sistemi ġodda tal-vetturi skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/2144 dwar is-sikurezza ġenerali<sup>4</sup>. Barra minn hekk, il-proposta tikkumplementa l-proposta għal Regolament ġdid dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi tal-14 ta' Lulju 2021 ("Regolament AFIR")<sup>5</sup> fir-rigward tad-data dwar il-punti tal-iċċarġjar u tar-riforniment. Ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIR) ser jippermetti speċifikazzjonijiet aktar dettaljati minn dawk adottati skont id-Direttiva, li jiffokaw fuq il-modalitajiet tekniċi.

## **II. EŻAMI MILL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA**

8. Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli mill-proposta, u s-Sinjura Rovana Plumb (RO, S&D) ġiet nominata bħala r-rapporteur tagħha. Il-Parlament Ewropew mistenni jadotta l-pożizzjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja f'Ottubru 2022.
9. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-22 ta' Marzu 2022, filwaqt li l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għadha pendenti.

## **III. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL**

10. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport – Kwistjonijiet Intermodali u Networks beda l-ħidma tiegħu fuq il-proposta fl-10 ta' Jannar 2022 u kompli fis-17 u l-24 ta' Jannar, it-2 u s-16 ta' Frar, is-7, l-14 u t-28 ta' Marzu, l-4, il-11 u t-28 ta' April, u l-5 u l-11 ta' Mejju 2022. Il-valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni ġiet diskussa fi grupp fis-17 ta' Jannar 2022. Diversi delegazzjonijiet esprimew dubji dwar il-proporzjonalità tal-approċċ previst mill-Kummissjoni u xi wħud mill-istimi tal-ispejjeż li jirriżultaw. Id-delegazzjonijiet li kellhom riżerva ta' skrutinju parlamentari (DK, PL, SK, SE) laħqu neħħewha. Diversi delegazzjonijiet jżommu riżerva ta' skrutinju ġenerali.

---

<sup>4</sup> ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1.

<sup>5</sup> ST 10877/21 + ADD1.

11. Id-delegazzjonijiet laqgħu b'mod ġenerali l-proposta u riedu li l-varar tal-applikazzjonijiet u s-servizzi skont id-Direttiva dwar is-STI jiġu żviluppati u msaħħa aktar permezz ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni aħjar. Il-punti ewlenin ta' diskussjoni kienu jikkonċernaw: l-obbligu l-ġdid li ċerta data ssir disponibbli f'format diġitali li jinqara mill-magni; il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiġu ddeterminati t-tipi ta' data li għandhom jiġu pprovduti kif ukoll il-kopertura ġeografika u ż-żmien assoċjati; deskrizzjoni tal-elementi li għandhom jiġu inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni; l-ġoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri proviżorji f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali u dwar il-ħajja privata; il-prinċipji applikabbli għall-ispeċifikazzjonijiet u l-varar tas-STI; u l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva.
12. Abbażi tad-diskussjonijiet, il-kjarifiki mill-Kummissjoni u l-kummenti bil-miktub mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' kompromess bil-ħsieb ta' approċċ ġenerali fil-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija (Trasport) fit-2 ta' Ġunju 2022. Il-bidliet ewlenin għat-test meta mqabbla mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni huma dawn li ġejjin:

**Id-disponibbiltà tad-data u l-varar tas-servizzi obligatorji tas-STI (Artikolu 1(2)a, Artikolu 6a, Artikolu 7<sup>6</sup>; Annessi III u IV)**

13. Il-kompromess jaċċetta l-prinċipju li l-Istati Membri jridu jiżguraw li d-disponibbiltà ta' ċerti tipi ta' data, f'format diġitali li jinqara mill-magni, u li l-varar ta' ċerti servizzi tas-STI jiġi żgurat (Artikolu 1(2) a, Artikolu 6a, Annessi III u IV).

---

<sup>6</sup> Ir-referenzi għall-artikoli huma nnumerati skont id-Direttiva kif emendata bid-dispożizzjonijiet tal-proposta.

14. Madankollu, minħabba l-impatt potenzjalment għoli fuq ir-riżorsi nazzjonali, id-delegazzjonijiet insistew bil-qawwa fuq monitoraġġ aħjar u involviment akbar tal-Istati Membri fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, kemm għall-istabbiliment tal-kamp ta' applikazzjoni inizjali tal-obbligi kif ukoll għall-evoluzzjoni tiegħu maż-żmien. B'risultat ta' dan, it-test ta' kompromess tal-Presidenza jistabbilixxi fid-Direttiva t-tipi ta' data u s-servizzi koperti mill-obbligu ta' disponibbiltà u l-varar. Il-listi tad-data u s-servizzi kkonċernati jistgħu jiġu emendati permezz ta' att delegat (Artikolu 1(2) a, Artikolu 7, Annessi III u IV). Fl-istess ħin, it-test ta' kompromess jirreferi għal atti ta' implimentazzjoni biex jiġi definit l-ambitu ġeografiku (networks li għandhom jiġu koperti) u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni (Artikolu 6a, premessa 12a). It-test isaħħaħ ukoll il-qafas għad-delega tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' tali atti delegati u ta' implimentazzjoni (Artikolu 6a(3) u Artikolu 7). Għalhekk iżomm l-ambizzjoni li jagħmel id-disponibbiltà ta' ċerti tipi ta' data obligatorja u l-possibbiltà li din il-lista tiġi aġġornata permezz ta' att delegat, filwaqt li jsaħħaħ l-involvement tal-Istati Membri fl-aspetti relatati mal-implimentazzjoni ta' din l-ambizzjoni, jiġifieri d-definizzjoni tal-kopertura ġeografika u l-iskeda taż-żmien.
15. Barra minn hekk, il-kompromess jiċċara li l-obbligu li ċerta data ssir disponibbli f'format diġitali li jinqara mill-magni jirreferi biss għal data li għaliha l-informazzjoni sottostanti korrispondenti diġà teżisti irrispettivament mill-format tal-preżentazzjoni tagħha.
16. Il-maġġoranza l-kbira tad-delegazzjonijiet sabu kompromess ibbilanċjat biżżejjed dwar din l-istruttura tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Madankollu, xi delegazzjonijiet esprimew dubji, u saqsew dwar l-aħjar forum biex tittieħed deċiżjoni dwar l-oqsma u l-iskadenzi, filwaqt li enfasizzaw l-importanza li ma titnaqqasx l-ambizzjoni għall-avvanz tas-servizzi tas-STI.

17. Fir-rigward tat-tipi ta' data kkonċernati, it-test ta' kompromess iwessa' l-lista (Anness III) billi jżid ċerti tipi ta' data msemmija fir-Regolament Delegat adottat reċentement dwar l-ispeċifikazzjonijiet għal servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali<sup>7</sup>. Fir-rigward tal-preżentazzjoni tat-tipi ta' data u servizzi fl-Annessi III u IV, it-test ta' kompromess huwa bbażat fuq il-proposta tal-Kummissjoni, iżda jevita, minħabba l-ġerarkija tan-normi u dment li dan ma jkunx strettament meħtieġ, referenza diretta għal atti delegati fejn jinstabu aktar dettalji.

#### **Definizzjonijiet (Artikolu 4)**

18. It-test ta' kompromess jagħmel aġġustamenti żgħar għal xi definizzjonijiet (is-servizz tas-STI, is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi, l-Aċċessibbiltà tad-Data).

#### **Programm ta' ħidma (Artikolu 4a)**

19. Minħabba l-importanza mogħtija lill-adozzjoni u l-kontenut tal-programm ta' ħidma fil-proposta (Artikolu 17(5)) u s-sekwenza kronoloġika ta' attivitajiet differenti, it-test ta' kompromess iqiegħed din l-ġhodka ta' ppjanar pluriennali fil-bidu tar-regoli li jirregolaw il-varar tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI (Artikolu 4a ġdid) u jenfasizza r-rabtiet b'saħħithom bejn din l-ġhodka u l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni.

---

<sup>7</sup> ĠU L 122, 25.4.2022, p. 1.

## **L-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri (Artikolu 5)**

20. Il-kompromess fil-bieċa l-kbira jinkorpora d-dispożizzjonijiet tal-proposta li għandhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni tal-Istati Membri fil-varar tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI, inkluż dwar l-aspetti operattivi (Artikolu 5). It-test ta' kompromess jiċċara xi wħud minn dawn l-elementi.

## **Speċifikazzjonijiet permezz ta' att delegat (Artikolu 6)**

21. Il-kompromess jinkorpora wkoll l-emendi li saru mill-proposta għall-kontenut tal-ispeċifikazzjonijiet (Artikolu 6). Huwa jkompli jżid li huwa neċessarju li jiġu stabbiliti parametri sabiex tiġi evalwata l-kwalità tad-data u li l-Istati Membri jistgħu jinnominaw korp wieħed jew aktar għall-evalwazzjoni tar-rekwiżiti (paragrafu 6 u premessa 18). Huwa jiddikjara wkoll li kull wieħed mill-atti delegati għandu jkun relatat ma' qasam ta' prijorità distint.

## **Miżuri proviżorji (Artikolu 7a)**

22. L-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza msemmija fil-proposta (Artikolu 7a u premessa 14) qajjem dubji fost id-delegazzjonijiet. Filwaqt li jżomm il-prinċipju, it-test ta' kompromess ikompli jiżviluppa u jinkwadra dawn id-dispożizzjonijiet, b'enfasi fuq il-proċedura, il-kondizzjonijiet li għandhom jintlaħqu u l-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Mingħajr ma jitqajjem dubju dwar il-kompromess kollu kemm hu, id-dubji fost xi delegazzjonijiet dwar il-ħtieġa għal dan l-għoti tas-setgħa ma setgħux jiġu riżolti bis-sħiħ.

## **Protezzjoni tad-data personali (Artikolu 10)**

23. Fit-test ta' kompromess, l-artikolu dwar il-protezzjoni tad-data personali (Artikolu 10) huwa ssupplimentat b'dispożizzjoni dwar l-għan tal-ipproċessar tad-data personali skont id-Direttiva (Artikolu 10(1)). Barra minn hekk, dan l-Artikolu huwa ssupplimentat b'referenza għall-valutazzjoni tal-impatt li għandha titwettaq meta jitħejja att delegat li jwassal għall-ipproċessar ta' tali data (paragrafu 2), u b'referenza għat-teknika ta' psewdonimizzazzjoni (paragrafu 3; ara wkoll il-premessa 15).

## **Rappurtar (Artikolu 17) u dispożizzjonijiet finali**

24. L-Artikolu dwar ir-rappurtar mill-Istati Membri u l-Kummissjoni (Artikolu 17) jinżamm mill-kompromess. Madankollu, id-data tal-ewwel rappurtar mill-Istati Membri (Artikolu 17(1)) ġiet posposta għal 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ (f'konformità mal-iskadenza tat-traspożizzjoni), is-setgħa tal-Kummissjoni li tistabilixxi indikaturi tal-prestazzjoni ġiet modifikata u soġġetta għal proċedura ta' eżami (Artikolu 17(2)), u l-objettiv ta' simplifikazzjoni fir-rappurtar ġie enfasizzat (Artikolu 17(3) u premessa 22a). Delegazzjoni waħda ppreferiet koinċidenza fiż-żmien ta' rappurtar mill-Istati Membri mal-programm ta' ħidma kull ħames snin.

## **Anness I**

25. L-Anness I tal-proposta jiddeskrivi l-elementi li għandhom jiġu koperti mill-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tal-oqsma ta' prijorità għall-azzjoni fil-livell tal-Unjoni. L-emendi li saru mill-kompromess għal dan l-anness huma limitati għal ftit kjarifiki.



## Anness II

26. Fl-Anness II, li jelenka l-prinċipji applikabbli għall-ispeċifikazzjonijiet u l-varar tas-STI, it-test ta' kompromess huwa prinċipalment konformi mal-emendi proposti mill-Kummissjoni (dwar il-punti (f), (h), (j) u (m)). Huwa jipprovdi xi kjarifiki dwar il-punti h) "jippromwovu l-ugwaljanza tal-aċċess", j) "jipprovdu kwalità fil-kronometraġġ u l-pożizzjonament", u m) "jipprovdu trasparenza u affidabbiltà", u jemenda l-punt l) "jirrispettaw il-koerenza" biex ifakkar, fost l-istandards tal-Unjoni li għandhom jiġu rrispettati, il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika kif previst mid-Direttiva (UE) 2018/1972 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, imsemmi wkoll fil-premessa 8a emendata. Il-kwistjoni dwar jekk għandhiex tiżdied referenza għall-prinċipju ta' "newtralità teknoloġika" kienet kontroversjali fil-Grupp ta' Hídma. It-test ta' kompromess jipprova jsib bilanċ abbażi tal-proposta, iżda jenfasizza b'mod espliċitu l-importanza ta' dan il-prinċipju kif stabbilit mill-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi meta jiġu żviluppati l-ispeċifikazzjonijiet.
27. Fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tat-18 ta' Mejju 2022, l-Istati Membri kkonfermaw l-appoġġ tagħhom għat-test ta' kompromess tal-Presidenza. Wara t-talba ta' għadd kbir ta' delegazzjonijiet, li semmew id-diffikultajiet amministrattivi relatati mat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fil-livell nazzjonali, l-iskadenza għat-traspożizzjoni ġiet estiża għal 24 xahar (Artikolu 2 tal-proposta li temenda d-Direttiva dwar is-STI). Il-Kumitat ikkunsidra wkoll proposta biex tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-prinċipju li "jirrispettaw il-kompatibbiltà b'lura" (punt (f) tal-Anness II), sabiex tiġi enfasizzata l-ħtieġa li tiġi ġġustifikata l-applikazzjoni tiegħu fit-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet għas-STI; żewġ delegazzjonijiet ma kinux favur din il-bidla. Il-kompromess li jinsab fl-Anness għal dan ir-rapport iqis dawn l-aġġustamenti.

28. Diversi delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar l-għażliet li għandhom isiru fi stadju aktar tard dwar l-oqsma ġeografiċi u d-dati biex ċerti data u servizzi jsiru disponibbli. Dawn id-dubji jirrigwardaw l-investimenti meħtieġa, il-proporzjonalità fir-rigward tad-densità tat-traffiku f'ċerti sezzjonijiet tat-toroq, il-koordinazzjoni amministrattiva u l-affidabbiltà ta' ċerta data.
29. F'dan l-istadju tal-proċedura, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jżomm riżerva proċedurali dwar l-emendi kollha għall-proposta tiegħu. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni enfasizza, b'mod partikolari, l-istruttura inizjali tal-proposta, li tistabbilixxi dati u oqsma ġeografiċi għall-forniment ta' ċerti tipi ta' data u l-varar ta' ċerti servizzi, bil-possibbiltà li jsiru emendi għalihom permezz ta' att delegat.

#### IV. KONKLUŻJONI

30. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jilħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/40/UE dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport, abbażi tal-kompromess li jinsab fl-Anness għal dan ir-rapport.

**Emendi għad-Direttiva dwar is-STI**

[...]

Billi:

- (1) Il-Komunikazzjoni dwar *Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti*<sup>8</sup> tal-Kummissjoni tidentifika l-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti ("STI") bħala azzjoni ewlenija fil-kisba ta' mobbiltà multimodali konnessa u awtomatizzata, u għalhekk tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni tas-sistema Ewropea tat-trasport biex jintlaħaq l-objettiv ta' mobbiltà effiċjenti, sikura, sostenibbli, Intelliġenti u reżiljenti. Din tikkomplementa l-azzjonijiet imħabbra taħt l-inizjattiva ewlenija dwar l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija biex titrawwem il-loġistika multimodali. L-istrateġija ħabbret ukoll, għall-2022, revizzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 dwar servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali biex tinkludi l-aċċessibbiltà obligatorja tas-settijiet ta' data dinamiċi, kif ukoll valutazzjoni tal-ħtieġa ta' azzjoni regolatorja dwar id-drittijiet u d-dmirijiet ta' fornituri ta' servizzi diġitali multimodali flimkien ma' inizjattiva dwar il-ħruġ ta' biljetti, inkluż il-ħruġ ta' biljetti tal-ferrovija.
- (2) L-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tikkonferma l-objettiv li n-numru ta' mwiet għall-mezzi kollha tat-trasport fl-Unjoni jinġieb qrib iż-żero sal-2050. Diversi azzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup> jikkontribwixxu għas-sikurezza tal-utenti tat-toroq, bħal eCall, servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq u żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri<sup>10</sup>.

---

<sup>8</sup> COM(2020)789 final.

<sup>9</sup> Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

<sup>10</sup> Kif iċċertifikat f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE).../... tas-7 ta' April 2022 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' standards li jispeċifikaw il-livell ta' servizz u s-sigurtà ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri u fir-rigward tal-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom (C(2022) 2055 (final)).

- (3) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>11</sup> jenfasizza r-rwol dejjem akbar tal-mobbiltà multimodali awtomatizzata u konnessa, flimkien ma' sistemi intelliġenti ta' ġestjoni tat-traffiku ffaċilitati mid-diġitalizzazzjoni, u l-oġettiv li jiġu appoġġati servizzi ġodda sostenibbli tat-trasport u tal-mobbiltà li jistgħu jnaqqsu l-konġestjoni u t-tniġġis, speċjalment f'żoni urbani.
- (4) Il-ħtieġa dejjem akbar li jsir użu aħjar mid-data biex il-ktajjen tat-trasport isiru aktar sostenibbli, effiċjenti u reżiljenti, titlob il-koordinazzjoni mtejba tal-qafas tas-STI ma' inizjattivi oħra mmirati lejn l-armonizzazzjoni u l-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tad-data fis-setturi tal-mobbiltà, tat-trasport u tal-loġistika b'perspettiva multimodali<sup>12</sup>.
- (5) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi diġitalizzat it-trasport bit-triq, li tiżdied is-sikurezza fit-toroq u titnaqqas il-konġestjoni, il-varar u l-użu ta' sistemi u servizzi tat-trasport intelliġenti fit-toroq jenħtieġ li jiġu żviluppati aktar fin-network trans-Ewropew tat-trasport.
- (6) F'ħafna Stati Membri l-applikazzjonijiet nazzjonali ta' dawk is-sistemi u servizzi diġà qed jiġu varati fis-settur tat-trasport bit-triq. Madankollu, minkejja t-titjib mill-adozzjoni tagħha fl-2010, l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/40/UE<sup>13</sup> sabet nuqqasijiet persistenti li jwasslu biex il-bqija tal-varar ikun frammentat u mhux koordinat u għal nuqqas ta' kontinwità ġeografika tas-servizzi tas-STI madwar l-Unjoni u fil-fruntieri esterni tagħha.

---

<sup>11</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.

<sup>12</sup> Bħall-ispazju tad-data Ewropew komuni dwar il-Mobbiltà u l-komponenti tiegħu, ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33), u l-ħidma li qed issir mill-Forum tat-Trasport u l-Loġistika Diġitali (DTLF).

<sup>13</sup> [https://transport.ec.europa.eu/transport-themes/intelligent-transport-systems/road/action-plan-and-directive\\_en](https://transport.ec.europa.eu/transport-themes/intelligent-transport-systems/road/action-plan-and-directive_en)

- (7) Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni<sup>14</sup> li jissupplimentaw id-Direttiva 2010/40/UE, l-Istati Membri stabbilew punti ta' aċċess nazzjonali<sup>15</sup> (NAPs). L-NAPs jorganizzaw l-aċċess għal u l-użu mill-ġdid ta' data relatata mat-trasport biex jgħinu fl-appoġġ tal-forniment ta' servizzi tas-STI interoperabbli madwar l-UE kollha għall-utenti finali. Dawn l-NAPs huma komponent importanti tal-ispazju komuni Ewropew tad-data dwar il-mobbiltà taħt l-istrateġija Ewropea għad-data<sup>16</sup> u jenħtieġ li jkun hemm dipendenza fuqhom b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà tad-data.
- (8) Biex ikun żgurat varar ikkoordinat u effettiv tas-STI fl-Unjoni kollha kemm hi, jenħtieġ li jiddaħħlu speċifikazzjonijiet, inkluż, fejn xieraq, standards, li jstabilixxu dispożizzjonijiet u proċeduri dettaljati ulterjuri, minbarra l-ispeċifikazzjonijiet diġà adottati. Qabel ma tadotta xi speċifikazzjonijiet addizzjonali jew riveduti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-konformità tagħhom ma' ċerti prinċipji definiti li jinsabu fl-Anness II. Jenħtieġ li tingħata prijorità primarjament lill-erba' oqsma ewlenin tal-iżvilupp u l-varar tas-STI. Matul l-implimentazzjoni ulterjuri tas-STI, l-infrastruttura eżistenti tas-STI stabbilita minn Stati Membri partikolari jenħtieġ li titqies f'termini tal-progress teknoloġiku u tal-isforzi finanzjarji magħmula.

---

<sup>14</sup> Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva ITS 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni għal postijiet tal-parkeġġ sikuri u siguri għat-trakkijiet u l-vetturi kummerċjali (ĠU L 247, 18.9.2013, p. 1);  
Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 886/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data u l-proċeduri għall-forniment, fejn possibbli, ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku stradali marbuta mas-sikurezza b'xejn lill-utenti (ĠU L 247, 18.9.2013, p. 6);  
Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/962 tat-18 ta' Diċembru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha (ĠU L 157, 23.6.2015, p. 21);  
Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926 tal-31 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha (ĠU L 272, 21.10.2017, p. 1).

<sup>15</sup> [https://transport.ec.europa.eu/transport-themes/intelligent-transport-systems/road/action-plan-and-directive/national-access-points\\_en](https://transport.ec.europa.eu/transport-themes/intelligent-transport-systems/road/action-plan-and-directive/national-access-points_en)

<sup>16</sup> COM(2020) 66 final.

- (8a) Jenħtieġ li jiġi żgurat, b'mod partikolari għas-C-ITS, li r-rekwiżiti għas-STI la jimponu u lanqas jiddiskriminaw favur l-użu ta' tip partikolari ta' teknoloġija f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika msemmi fid-Direttiva (UE) 2018/1972<sup>17</sup>. Jekk ikunu jistgħu jintużaw teknoloġiji tas-C-ITS kumplimentari, affidabbli u ttestjati fil-ħajja reali, jenħtieġ li jiġu attivati applikazzjonijiet koeżistenti.
- (9) L-ispeċifikazzjonijiet jenħtieġ li jqisu u jibnu fuq l-esperjenza u r-riżultati diġà miksuba fil-qasam tas-STI, ta' sistemi ta' trasport intelliġenti kooperattivi (C-ITS), u tal-Mobbiltà Kooperattiva, Konnessa u Awtomatizzata (CCAM), b'mod partikolari fil-kuntest tal-pjattaformi tas-C-ITS<sup>18</sup> u tas-CCAM<sup>19</sup>, il-Forum Ewropew għall-Mobbiltà Multimodali tal-Passiġġieri<sup>20</sup> u l-Pjattaforma Ewropea għall-Implimentazzjoni ta' eCall<sup>21</sup>.
- (10) L-ispeċifikazzjonijiet jenħtieġ li jrawmu l-innovazzjoni. Id-disponibbiltà akbar tad-data jenħtieġ li, pereżempju, twassal għall-iżvilupp ta' servizzi ġodda tas-STI, u viċi versa l-innovazzjoni jenħtieġ li tidentifika l-ħtiġijiet għal speċifikazzjonijiet futuri. It-teknoloġiji l-ġodda, b'mod partikolari għas-C-ITS, jeħtieġ li jiġu ttestjati f'kundizzjonijiet reali tat-traffiku fit-toroq bħala servizz affidabbli qabel ma jiġu varati. Is-Sħubija Ewropea dwar il-mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata taħt Orizzont Ewropa jenħtieġ li tappoġġa l-iżvilupp u l-ittestjar tal-mewġa li jmiss ta' servizzi tas-C-ITS, li jgħinu fl-integrazzjoni ta' vetturi awtomatizzati ħafna f'servizzi ġodda ta' mobbiltà multimodali.

---

<sup>17</sup> Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

<sup>18</sup> Kodiċi E03188 fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni u Entitajiet Oħra Simili

<sup>19</sup> Kodiċi E03657 fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni u Entitajiet Oħra Simili

<sup>20</sup> Kodiċi E03826 fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni u Entitajiet Oħra Simili

<sup>21</sup> Kodiċi E02481 fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni u Entitajiet Oħra Simili

- (11) Is-C-ITS tuża teknoloġiji li jippermettu lill-vetturi tat-triq jikkomunikaw ma' xulxin u mal-infrastruttura mal-ġenb tat-triq inkluż is-sinjali tat-traffiku. Is-servizzi tas-C-ITS huma kategorija tas-servizzi tas-STI bbażati fuq arkitettura miftuħa li tippermetti relazzjoni minn bosta għal bosta jew bejn il-pari bejn l-istazzjonijiet tas-C-ITS. Dan ifisser li l-istazzjonijiet kollha tas-C-ITS jenħtieġ li jiskambjaw il-messaġġi b'mod sigur ma' xulxin, u jenħtieġ li ma jkunux limitati għall-iskambju ta' messaġġi ma' stazzjonijiet iddefiniti minn qabel. Għal ħafna servizzi tas-C-ITS, huwa essenzjali li jiġu żgurati l-awtentiċità u l-integrità tal-messaġġi tas-C-ITS li jinkludu informazzjoni, bħall-pożizzjonament, il-veloċità u d-direzzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jinħoloq mudell ta' fiduċja komuni Ewropew wieħed għas-C-ITS biex tiġi stabbilita relazzjoni ta' fiduċja bejn l-istazzjonijiet kollha tas-C-ITS, irrispettivament mit-teknoloġiji ta' komunikazzjoni użati. Dak il-mudell ta' fiduċja jenħtieġ li jiġi implimentat bl-adozzjoni ta' politika dwar l-użu ta' Infrastruttura tal-Kjavi Pubblika (PKI). L-ogħla livell ta' dik il-PKI jenħtieġ li jkun il-lista ta' fiduċja Ewropea ta' ċertifikati, li tikkonsisti f'entrati tal-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni root f'dati kollha fl-Ewropa. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel ta' dak il-mudell ta' fiduċja tas-C-ITS, jenħtieġ li jitwettqu ċerti kompiti f'livell ċentrali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li daww il-kompiti essenzjali jitwettqu, b'mod partikolari fir-rigward tar-rwoli ta' (i) l-awtorità tal-politika taċ-ċertifikati tas-C-ITS fil-ġestjoni tal-politika taċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kjavi pubbliċi, (ii) il-maniġer tal-lista ta' fiduċja fil-ġenerazzjoni u l-aġġornament tal-Lista ta' Fiduċja Ewropea ta' Ċertifikati (ECTL) u, għal attività regolari, fir-rapportar lill-awtorità tal-politika taċ-ċertifikati tas-C-ITS fir-rigward tal-operazzjoni sigura ġenerali tal-mudell ta' fiduċja tas-C-ITS, u (iii) il-punt ta' kuntatt tas-C-ITS fit-trattament tal-komunikazzjoni kollha mal-manijers tal-awtorità taċ-ċertifikazzjoni root u l-pubblikazzjoni taċ-ċertifikat tal-kjavi pubblika tal-manijer tal-lista ta' fiduċja u tal-ECTL. Il-Kummissjoni bħalissa taqdi wkoll ir-rwol ta' awtorità taċ-ċertifikazzjoni root Ewropea, li jista' jinżamm jekk ikun xieraq, pereżempju, biex tappoġġa pjanijiet ta' migrazzjoni f'każ li awtorità taċ-ċertifikazzjoni root oħra tkun compromessa

- (12) Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet skont id-Direttiva 2010/40/UE, bl-eċċezzjoni ta' eCall, iffukaw fuq l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data li diġà hija disponibbli f'formati diġitali li jinqara mill-magni u fuq il-varar ta' servizzi tas-STI, iżda ma ppreskrivew l-ebda obbligu għall-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jagħmlu dik id-data disponibbli f'tali format jew biex ivaraw servizzi speċifiċi. L-użu ta' għadd ta' servizzi tas-STI sar mifrux: pereżempju d-detezzjoni ta' inċidenti li tippermetti servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, jew data f'oqsma ta' prijorità oħra identifikati f'din id-Direttiva, pereżempju r-regolamenti tat-traffiku, li tappoġġa servizzi importanti bħal-limiti tal-veloċità li jappoġġaw il-vetturi mgħammra b'assistenza intelliġenti tal-veloċità skont ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>22</sup>. Il-forniment obligatorju ta' ċerti servizzi tas-STI u ta' ċerta data f'format li jinqara mill-magni huwa meqjus neċessarju biex tiġi żgurata kemm id-disponibbiltà kontinwa ta' tali data kif ukoll il-forniment kontinwu ta' tali servizzi madwar l-Unjoni. Dan jimplika li l-informazzjoni sottostanti li trid tiġi riflessa fid-data li tinqara mill-magni diġà teżisti, irrispettivament mill-format jew mill-mezz li fih tiġi ppreżentata. It-tipi u s-servizzi tad-data, li l-forniment tagħhom jenħtieġ li jsir obligatorju skont din id-Direttiva, jenħtieġ li jiġu identifikati abbażi tal-ispeċifikazzjonijiet adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati li jissupplimentaw id-Direttiva 2010/40/UE, b'mod partikolari r-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) Nru 2022/670<sup>23</sup>, (UE) 885/2013, (UE) 886/2013 u (UE) 2017/1926, u jirriflettu t-tipi ta' data u s-servizzi stipulati fihom.
- (12a) Fl-interess tal-kontinwità, it-tipi u s-servizzi tad-data li l-forniment tagħhom jenħtieġ li jsir obligatorju skont din id-Direttiva ser jirrikjedu d-disponibbiltà tagħhom f'ambitu

<sup>22</sup> Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).

<sup>23</sup> Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/670 tat-2 ta' Frar 2022 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha (ĠU L 122, 25.4.2022, p. 1).



ġeografiku konkret. Sabiex jiġi ddeterminat dak l-ambitu, jenħtieġ li jiġi segwit approċċ gradwali u proporzjonat, ibbażat fuq l-esperjenza u r-riżultati li diġà nkisbu u li qed jinkisbu matul l-espansjoni.

- (13) L-istudju tal-2020 "Mapping accessible transport for persons with reduced mobility"<sup>24</sup> (L-immappjar tat-trasport aċċessibbli għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa) juri li n-nuqqas ta' data suffiċjenti dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà attwalment qed jipprevjeni l-ippjanar affidabbli tal-vjaġġi meta jintużaw aspetti ta' aċċessibbiltà bħala varjabbli tat-tiftix. Biex tkompli tissaħħaħ l-aċċessibbiltà tas-sistema tat-trasport u jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar għall-persuni b'diżabbiltà u għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa, is-servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali jeħtieġu d-disponibbiltà ta' data fuq in-nodi ta' aċċess u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tagħhom.
- (14) L-integrazzjoni akbar tas-STI u s-sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieqa, jew tas-sistemi tal-vetturi u tal-infrastruttura b'mod ġenerali, timplika li tali sistemi ser jiddependu aktar u aktar fuq l-informazzjoni li jipprovdu lil xulxin. Dan huwa partikolarment il-każ għas-C-ITS. Tali dipendenza ser tiżdied b'livelli oġhla ta' awtomatizzazzjoni. Dawn il-livelli oġhla ta' awtomatizzazzjoni mistennija li jużaw il-komunikazzjoni bejn il-vetturi u l-infrastruttura għall-orkestrazzjoni tal-manuvri u għal flussi tat-traffiku mingħajr xkiel, waqt li jikkontribwixxu wkoll għal trasport aktar sostenibbli. Għalhekk, jekk tiġi compromessa l-integrità tas-servizzi tas-STI, dan jista' jkollu impatt serju fuq is-sikurezza fit-toroq, pereżempju meta informazzjoni intenzjonalment falza dwar xi periklu ġġiegħel lill-vetturi jagħmlu manuvri li jpoġġu lill-utenti tat-triq friskju, u jista' jkollha effett indirett fuq is-sistema tat-trasport tal-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni f'sitwazzjonijiet fejn l-integrità tas-servizzi tas-STI tkun compromessa u jkun meħtieġ b'mod urġenti intervent fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat funzjonament sikur u tajjeb tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni jew is-sikurezza tat-toroq, biex jiġu adottati kontromiżuri li jindirizzaw il-kawżi u l-konsegwenzi ta' dik is-sitwazzjoni. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jittieħdu malajr kemm jista' jkun u jkunu applikabbli immedjatament. Madankollu, meta tħejji tali kontromiżuri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel l-isforzi kollha possibbli biex tikkonsulta esperti tal-Istati Membri. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup>. Meta titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwità tat-trasport, huwa xieraq li tiġi

<sup>24</sup> <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/dfa0c844-3b5f-11eb-b27b-01aa75ed71a1>

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

applikata l-estensjoni tal-validità ta' tali miżura lil hinn minn sitt xhur bl-użu tal-possibbiltà prevista skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Jenħtieġ li tali kontromiżuri jintemmu malli tiġi implimentata soluzzjoni alternattiva jew mar-riżoluzzjoni tas-sitwazzjoni ta' emerġenza.

- (15) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont din id-Direttiva, bħall-iproċessar ta' data ta' lokalizzazzjoni li jippermetti l-identifikazzjoni diretta jew indiretta ta' persuna, jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali u l-privatezza, kif stabbilit, b'mod partikolari, fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>26</sup> u fid-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>27</sup>. F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li din id-Direttiva tispeċifika l-iskop li għalih id-data personali tista' tiġi pproċessata skont din id-Direttiva. Meta jinvolvu l-iproċessar ta' data personali, l-ispeċifikazzjonijiet li jridu jiġu żviluppati skont din id-Direttiva jenħtieġ li jipprevedu salvagwardji adegwati u xierqa għall-protezzjoni tad-data personali f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/679 u tad-Direttiva 2002/58/KE, inkluż fir-rigward tad-durata massima tal-ħżin tad-data, l-anonimizzazzjoni jew il-pseudonimizzazzjoni tad-data. B'mod partikolari, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit speċifiku stabbilit fid-dritt tal-Unjoni rigward l-użu ta' data anonima jew pseudonimizzata, kull meta jkun possibbli biex jinkisbu b'mod ugwali l-iskopijiet fil-mira, jenħtieġ li jiġu mħeġġa l-anonimizzazzjoni jew il-pseudonimizzazzjoni bħala tekniki għat-tisħiħ tal-privatezza tal-individwi, f'konformità mal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data mid-disinn. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji, b'mod partikolari kontra l-użu skorrett, inkluż l-aċċess mhux awtorizzat, it-tibdil jew it-telf, f'dawk l-ispeċifikazzjonijiet jew fil-liġi nazzjonali, kif xieraq, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/679 u tad-Direttiva 2002/58/KE.
- (17) Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti<sup>28</sup> tapplika għal prodotti li għalihom il-leġiżlazzjoni settorjali ma tipprevedix

---

<sup>26</sup> Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-iproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).";

<sup>27</sup> Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-iproċessar tad-data personali u l-privatezza tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

<sup>28</sup> Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).

dispożizzjonijiet aktar speċifiċi bl-istess objettiv ta' sigurtà, u tapplika wkoll fejn ir-rekwiżiti dwar is-sigurtà imposti minn leġislazzjoni settorjali ma jkopru l-aspetti u r-riskji jew il-kategorija ta' riskji koperti minn dik id-Direttiva (l-hekk imsejħa "xibka ta' sikurezza").

- (18) Fejn ikun meħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-konformità, l-ispeċifikazzjonijiet jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet dettaljati li jstabbilixxu l-proċedura li tirregola l-valutazzjoni tal-konformità jew l-adekwatezza għall-użu tal-kostitwenti. Fir-rigward ta' ċerti servizzi tas-STI, u b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi tas-C-ITS, il-konformità kontinwa ma' ċerti rekwiżiti u l-interoperabbiltà huma essenzjali biex jiġu żgurati s-sikurezza u l-funzjonament xieraq tas-sistema. Għalhekk, fejn meħtieġ, l-ispeċifikazzjonijiet li jstabbilixxu r-rekwiżiti għall-prodotti jenħtieġ li jstabbilixxu wkoll proċeduri relatati mas-sorveljanza tas-suq, inkluż klawżola ta' salvagwardja. Dawk id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jkunu bbażati fuq id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup>, b'mod partikolari fir-rigward tal-moduli għall-fażijiet varji tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u ta' sorveljanza tas-suq. Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup> jstabbilixxi qafas għall-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-partijiet jew it-tagħmir relatat tagħhom, u r-Regolamenti (UE) Nru 167/2013<sup>31</sup> u (UE) Nru 168/2013<sup>32</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jstabbilixxu regoli dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u ta' kwadriċikli, u vetturi agrikoli jew forestali u l-partijiet jew it-tagħmir relatat tagħhom. Għalhekk, ikun hemm duplikazzjoni tal-ħidma kieku kellha tkun prevista valutazzjoni tal-konformità tat-tagħmir u l-applikazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-atti leġislattivi. Madankollu, dawk l-atti leġislattivi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi japplikaw għat-tagħmir relatat mas-STI installat fil-vetturi, iżda mhux għat-tagħmir u s-software tas-STI tal-infrastruttura esterna tat-

---

<sup>29</sup> Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

<sup>30</sup> Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

<sup>31</sup> Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u l-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).

<sup>32</sup> Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

toroq, li jenħtieġ li din id-Direttiva tkun tapplika għalihom. F'dan il-każ tal-aħħar, l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jipprevedu proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u ta' sorveljanza tas-suq. Tali proċeduri jenħtieġ li jkunu limitati għal dak li jkun meħtieġ f'kull każ separat u jimmiraw, fejn xieraq, għal approċċ sistematiku għar-regoli dwar il-ħatra ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u l-proċeduri applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet u servizzi transfruntieri.

- (19) Meta l-varar u l-użu tat-tagħmir u s-software tas-STI jinkludu sistemi ta' intelliġenza artifiċjali, jenħtieġ li jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali<sup>33</sup> futur.
- (20) Għall-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI li għalihom huma meħtieġa servizzi ta' kronometraġġ u pożizzjonament akkurati u garantiti, jenħtieġ li jintużaw infrastrutturi bbażati fuq is-satelliti jew kwalunkwe teknoloġija li tipprovdi livell ekwivalenti ta' preċiżjoni. Is-sinerġiji bejn is-setturi tat-trasport u tal-ispazju tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu sfruttati biex jitrawwem l-użu usa' ta' teknoloġiji ġodda, li jwieġbu għall-ħtieġa ta' servizzi ta' kronometraġġ u pożizzjonament akkurati u garantiti. Il-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup> jipprovdi data, informazzjoni u servizzi relatati mal-ispazju ta' kwalità għolja, aġġornati u siguri permezz tas-sistemi Galileo, tan-Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS), u Copernicus.
- (21) Il-forniment ta' servizzi ta' kronometraġġ u pożizzjonament siguri u affidabbli huwa element essenzjali tal-operat effettiv tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi żgurata l-kompatibbiltà tagħhom mal-mekkaniżmu ta' awtentikazzjoni pprovdut mill-programm Galileo, sabiex jittaffew l-attakki ta' spoofing tas-sinjali fuq is-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita ("GNSS").

---

<sup>33</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġislattivi tal-Unjoni (COM(2021) 206 final).

<sup>34</sup> Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

- (22) L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra, inkluż gruppi ta' esperti u kumitati oħra tal-Kummissjoni li jitrattaw l-aspetti diġitali tat-trasport, jenħtieġ li jiġu kkonsultati fit-tfassil tal-programmi ta' ħidma adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2010/40/UE.
- (22a) Ir-regoli dwar ir-rappurtar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati u jippermettu aktar analiżi komparattiva. Għalhekk jenħtieġ li rapport wieħed mill-Istati Membri kull tliet snin, li jkopri l-implimentazzjoni tad-Direttiva u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni kollha, jissostitwixxi d-diversi obbligi ta' rapportar eżistenti, u jenħtieġ li jiġi stabbilit mudell komuni li jinkludi ċerti indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. Abbażi tal-esperjenza fl-użu ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni volontarji fir-rapporti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tagħżel uħud minn dawk l-indikaturi biex jiġu inklużi fil-mudell armonizzat.
- (23) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni u l-aġġornament tal-programmi ta' ħidma, l-iffissar ta' koperturi ġeografiċi u l-iskadenzi rispettivi għall-varar mill-Istati Membri ta' tipi ta' data obligatorji u servizzi ta' STI, u l-adozzjoni tal-mudell għar-rapporti li jridu jiġu pprovduti mill-Istati Membri. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>35</sup>.
- (24) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex temenda l-lista tat-tipi ta' data li għalihom l-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà tad-data u biex temenda l-lista ta' servizzi tas-STI li għalihom l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-varar, għal perjodu ta' ħames snin li jibda mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li dan il-perjodu jiġi estiż b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul ta' żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni. B'mod partikolari huwa importanti li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti u mal-partijiet ikkonċernati, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-

---

<sup>35</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>36</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

- (25) Sabiex jiġi ggarantit approċċ ikkoordinat, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura l-koerenza bejn l-attivitajiet tal-Kumitat stabbilit b'din id-Direttiva u tal-Kumitati stabbiliti bir-Regolamenti (UE) Nru 165/2014<sup>37</sup>, (UE) 2019/1239<sup>38</sup>, (UE) 2020/1056<sup>39</sup> u (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u bid-Direttivi 2007/2/KE<sup>40</sup> u d-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>41</sup>.
- (26) Ladarba l-oġġettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiżgura varar ikkoordinat u koerenti ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti li jkunu interoperabbli fl-Unjoni kollha, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u/jew mis-settur privat, iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv.
- (27) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni<sup>42</sup>, l-Istati Membri impenjaw

---

<sup>36</sup> Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

<sup>37</sup> Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

<sup>38</sup> Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64).

<sup>39</sup> Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33).

<sup>40</sup> Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

<sup>41</sup> Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' hłas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 45).

<sup>42</sup> ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislator iqis li t-trażmissjoni ta' dokumenti ta' dak it-tip hija ġustifikata.

- (28) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>43</sup> u ta opinjoni fit-2 ta' Marzu 2022,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

### *Artikolu 1*

#### **Emendi għad-Direttiva 2010/40/UE**

Id-Direttiva 2010/40/UE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Din id-Direttiva tipprevedi d-disponibbiltà tad-data u l-varar tas-servizzi tas-STI fl-oqsma ta' prijorità msemmija fl-Artikolu 2 kif speċifikat fl-Annessi III u IV.";

- (2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dawn li ġejjin għandhom ikunu l-oqsma ta' prijorità għall-iżvilupp u l-użu ta' speċifikazzjonijiet u standards:

(a) I. Servizzi tas-STI ta' informazzjoni u ta' mobbiltà;

(b) II. Servizzi tas-STI tal-ivvjaġġar, tat-trasport u tal-ġestjoni tat-traffiku;

(c) III. Servizzi tas-STI ta' sikurezza u sigurtà fit-toroq;

(d) IV. Servizzi tas-STI għal mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata.";

---

<sup>43</sup> Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(-a) il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(4) 'servizz tas-STI' tfisser il-forniment ta' applikazzjoni tas-STI permezz ta' qafas organizzazzjonali u operazzjonali definit sew bl-għan li jikkontribwixxi għas-sikurezza tal-utenti, l-effiċjenza, il-mobbiltà sostenibbli, il-kumdità u/jew jiffaċilita jew jappoġġa l-operazzjonijiet tat-trasport u l-ivvjaġġar;"

(a) il-punt 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(18) 'standard' tfisser standard kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*;

---

\*Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).";

(b) jiżdiedu l-punti (19) sa (24) li ġejjin:

'(19) 'sistemi ta' trasport intelliġenti kooperattivi' jew 'C-ITS' tfisser sistemi ta' trasport intelliġenti li jippermettu lill-utenti tas-STI jinteraġixxu u jikkoordinaw billi jiskambjaw messaġġi siguri u affidabbli mingħajr ebda għarfien minn qabel ta' xulxin;

(20) 'servizz tas-C-ITS' tfisser servizz tas-STI pprovdut permezz ta' C-ITS;

(21) 'disponibbiltà tad-data' tfisser l-eżistenza ta' data f'format diġitali li jinqara mill-magni;



(22) 'Punt ta' Aċċess Nazzjonali (NAP)' tfisser interkonnnessjoni diġitali stabbilita minn Stat Membru li tikkostitwixxi punt uniku ta' aċċess għad-data, kif iddefinit fl-ispeċifikazzjonijiet adottati skont l-Artikolu 6;

(23) 'aċċessibbiltà tad-data' tfisser il-possibbiltà li tintalab u tinkiseb data f'format diġitali li jinqara minn magna;

(24) 'servizz ta' mobbiltà diġitali multimodali' tfisser servizz li jipprovdi informazzjoni dwar id-data dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar bħall-post tal-faċilitajiet tat-trasport, l-iskedi, id-disponibbiltà jew in-nollijiet għal aktar minn mezz wieħed tat-trasport, li jista' jinkludi karatteristiċi li jippermettu li jsiru prenotazzjonijiet jew pagamenti jew li jinħarġu biljetti.";

(3a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 4a*

#### **Programm ta' ħidma<sup>44</sup>**

1. Sa [Data tad-dħul fis-seħħ + 12-il xahar], il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti u permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tadotta programm ta' ħidma. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(4). Il-programm ta' ħidma għandu jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

a) l-oġġettivi u d-dati għall-implimentazzjoni tiegħu kull sena, li jindikaw għal liema punti ta' ħidma għandhom jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 6;

b) it-tipi ta' data u s-servizzi tas-STI li għalihom il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7(1) u (2).

---

<sup>44</sup> It-test inbidel parzjalment mill-Artikolu 17(5) tal-proposta.

2. Qabel kull estensjoni sussegwenti ta' ħames snin tas-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12(2), il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, toħroġ programm ta' ħidma ġdid li jinkludi mill-inqas l-elementi msemmija fil-paragrafu 1(a) u (b). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(4).

(4) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 5*

### **Applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għall-varar tas-STI**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ispeċifikazzjonijiet adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 6 jiġu applikati fir-rigward tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI, meta dawk ikunu varati, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness II. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Stat Membru li jiddeċiedi dwar il-varar min-naħa tiegħu ta' dawn l-applikazzjonijiet u s-servizzi fit-territorju tiegħu. Dan id-dritt huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6a.

2. Fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fir-rigward tal-oqsma ta' prijorità, sa fejn ma tkun ġiet adottata l-ebda speċifikazzjoni fir-rigward ta' dawk l-oqsma ta' prijorità.

. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll, pereżempju permezz ta' proġetti ta' koordinazzjoni appoġġati mill-UE u fejn meħtieġ mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, dwar l-aspetti operazzjonali tal-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet adottati mill-Kummissjoni, bħal standards u profili armonizzati tal-UE, definizzjonijiet komuni, metadata komuni, rekwiżiti komuni tal-kwalità u aspetti relatati mal-interoperabbiltà tal-arkitetturi tal-NAPs, kundizzjonijiet komuni għall-iskambju tad-data, kif ukoll attivitajiet komuni ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni. Fir-rigward tar-rekwiżiti għall-fornituri tad-data, l-utenti tad-data u l-fornituri tas-servizzi tas-STI stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll, fejn rilevanti, dwar il-prattiki għall-valutazzjoni tal-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti u dwar l-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-infurzar tal-konformità.";

(5) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'5. Mingħajr preġudizzju għall-proċeduri stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, l-ispeċifikazzjonijiet għandhom, fejn xieraq, jistipulaw il-kundizzjonijiet li bihom l-Istati Membri jistgħu, wara li jinnotifikaw lill-Kummissjoni, jistabbilixxu regoli addizzjonali għall-forniment ta' servizzi tas-STI fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu, sakemm dawk ir-regoli ma jostakolawx l-interoperabbiltà.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'6. L-ispeċifikazzjonijiet għandhom, fejn xieraq, ikunu bbażati fuq kwalunkwe standard imsemmi fl-Artikolu 8.

L-ispeċifikazzjonijiet għandhom jinkludu regoli għall-istabbiliment ta' parametri relatati mal-kwalità u l-adegwatezza għall-użu. L-ispeċifikazzjonijiet għandhom, kif xieraq u b'mod partikolari fejn iġġustifikat fl-interess tas-sikurezza u l-interoperabbiltà, jinkludu regoli dwar il-valutazzjoni tal-konformità u s-sorveljanza tas-suq, inkluż klawżola ta' salvagwardja, f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE.

L-Istati Membri jistgħu jaħtru korp wieħed jew aktar kompetenti biex iwettqu l-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet, soġġett għal kwalunkwe regola speċifika dwar il-valutazzjoni li tista' tiġi stabbilita fihom.

L-ispeċifikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness II.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 8 li ġej:

'8. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12. Att delegat separat ma għandux ikopri aktar minn qasam ta' prijorità wieħed u għandu jiġi adottat għal kull waħda mill-azzjonijiet ta' prijorità."<sup>45</sup>

---

\* Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).";

(6) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 6a*

### **Disponibbiltà tad-data u varar tas-servizzi tas-STI**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għal kull tip ta' data elenkata fl-Anness III, fejn l-informazzjoni sottostanti diġà teżisti, tkun disponibbli data għall-kopertura ġeografika relattiva għal tali tip ta' data kemm jista' jkun kmieni u mhux aktar tard mid-data rispettiva stabbilita fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċessibbiltà ta' dik id-data fl-NAPs sal-istess data.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi tas-STI speċifikati fl-Anness IV jiġu varati għall-kopertura ġeografika u mhux aktar tard mid-data rispettiva stabbilita fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

---

<sup>45</sup> Nota: Dan il-paragrafu 8 jinkludi parzjalment is-sustanza tal-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva attwali.

3. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 15(4):

- a) il-kopertura ġeografika relattiva għat-tipi ta' data elenkati fl-Anness III, u l-iskadenzi għall-implimentazzjoni;
- b) il-kopertura ġeografika relattiva għas-servizzi tas-STI elenkati fl-Anness IV, u l-iskadenzi għall-implimentazzjoni.

Meta tadotta tali atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis ir-riskju ta' interferenza mad-data personali kif ukoll l-ispejjeż u r-riżorsi umani meħtieġa biex id-data rilevanti ssir disponibbli u biex is-servizzi rilevanti jiġu varati b'livell suffiċjenti ta' kwalità sabiex jiġi żgurat li dawk l-ispejjeż u r-riżorsi, b'mod partikolari dawk imġarrba mill-awtoritajiet pubbliċi, jinżammu f'livell minimu. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll l-ispejjeż u l-piż amministrattiv fuq l-operaturi privati li jistgħu jkunu meħtieġa jipprovdu d-data u s-servizzi. Fejn iż-żieda ta' tipi ta' data jew servizzi mal-Annessi III u IV kienet is-suġġett ta' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji u valutazzjoni tal-impatt f'konformità mal-Artikolu 7(1) jew (2), il-Kummissjoni tista' tuża wkoll ir-riżultati ta' dawk l-analiżi u l-valutazzjoni tal-impatt għall-kunsiderazzjonijiet tagħha.";

(7) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 7*

Emendi għall-Annessi III u IV

'1.<sup>46</sup> Wara analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji u valutazzjoni tal-impatt li jinkludu konsultazzjonijiet xierqa, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12 fid-dawl tal-iżvilupp teknoloġiku u tas-suq fl-Unjoni kollha, sabiex temenda l-lista ta' tipi ta' data fl-Anness III, billi

(a) iżżid jew timmodifika t-tipi ta' data li huma marbuta b'mod inerenti mal-oqsma ta' prijorità li jidhru fl-Anness I u li huma elenkati fl-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 6(8), fejn id-disponibbiltà ta' tali tipi ta' data ġġib, skont l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji u l-valutazzjoni tal-impatt, benefiċċji u titjib importanti u ġustifikati b'mod ċar f'termini ta' sostenibbiltà tat-trasport, sikurezza u sigurtà tat-trasport, jew effiċjenza u ġestjoni tat-trasport, jew

(b) fejn ġustifikat b'mod ċar, tħassar it-tipi ta' data inklużi fl-Anness III.

Kull att delegat għandu jkun konsistenti mat-tipi ta' data stabbiliti fl-aħħar programm ta' ħidma adottat f'konformità mal-Artikolu 4a u ma għandux ikopri aktar minn qasam ta' prijorità wieħed.

---

<sup>46</sup> Nota: il-paragrafu 1 attwali inkorporat fl-Artikolu 6, il-paragrafu 8 il-ġdid.

2. Wara analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji u valutazzjoni tal-impatt li jinkludu konsultazzjonijiet xierqa, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12 fid-dawl tal-iżvilupp teknoloġiku u tas-suq fl-Unjoni kollha, sabiex temenda l-lista ta' servizzi tas-STI fl-Anness IV, billi:

(a) iżżid jew timmodifika servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I li fir-rigward tagħhom ġew stabbiliti speċifikazzjonijiet skont l-Artikolu 6(8), fejn il-forniment ta' tali servizzi jgħib, skont l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji u l-valutazzjoni tal-impatt, benefiċċji u titjib importanti u ġustifikati b'mod ċar f'termini ta' sostenibbiltà tat-trasport, sikurezza u sigurtà tat-trasport, jew effiċjenza u ġestjoni tat-trasport, jew

(b) fejn ikun iġġustifikat b'mod ċar, tħassar servizzi inklużi fl-Anness IV.

Kull att delegat għandu jkun konsistenti mal-lista tas-servizzi tas-STI li tinsab fl-aħħar programm ta' ħidma adottat f'konformità mal-Artikolu 4a u ma għandux ikopri aktar minn qasam ta' prijorità wieħed.

3. Meta tadotta atti delegati skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq ir-riskju ta' interferenza mad-data personali kif ukoll l-ispejjeż u r-riżorsi umani meħtieġa biex id-data rilevanti ssir disponibbli jew biex is-servizzi rilevanti jiġu varati b'livell suffiċjenti ta' kwalità sabiex jiġi żgurat li dawk l-ispejjeż u r-riżorsi, b'mod partikolari dawk imġarrba mill-awtoritajiet pubbliċi, jinżammu f'livell minimu. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll l-ispejjeż u l-piż amministrattiv fuq l-operaturi privati li jistgħu jkunu meħtieġa jipprovdu d-data u s-servizzi.";

(8) Jiddaħħal l-Artikolu 7a li ġej:

*"Artikolu 7a*

### **Miżuri interim**

1. Mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmi ta' tħejjija u rispons għall-inċidenti, bħal dawk stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, f'sitwazzjoni ta' emerġenza, tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament li jstabilixxu kontromiżuri biex jiġu indirizzati l-kawżi u l-konsegwenzi ta' dik is-sitwazzjoni, bħas-sospensjoni tal-obbligi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-oqsma ta' prijorità stabbiliti skont l-Artikolu 2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri malajr kemm jista' jkun meta tqis li tkun seħħet sitwazzjoni ta' emerġenza.
2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 biss fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza mhux prevista li tirriżulta mill-fatt li d-disponibbiltà jew l-integrità tas-servizzi tas-STI, li huma s-suġġett ta' speċifikazzjonijiet adottati f'konformità mal-Artikolu 6, ikunu ġew kompromessi, fejn tali sitwazzjoni x'aktarx tikkomprometti l-funzjonament sikur u tajjeb tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni jew ikollha effett negattiv fuq is-sikurezza fit-toroq, u biss fejn ma jistax ikun mistenni li l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' rispons għall-inċidenti jew il-modifika tal-ispeċifikazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 6 jiżguraw rispons f'waqt u effettiv. Il-miżuri adottati mill-Kummissjoni għandhom ikunu strettament limitati għall-indirizzar tal-kawżi u l-konsegwenzi ta' tali sitwazzjonijiet ta' emerġenza.
3. L-adozzjoni ta' miżuri interim f'konformità ma' dan l-Artikolu hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jieħdu azzjoni f'sitwazzjoni ta' emerġenza relatata ma' kwistjonijiet ta' sigurtà jew difiża nazzjonali li jaffettwaw l-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI varati fit-territorju tagħhom.



4. L-atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemija fl-Artikolu 15(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu validi għal massimu ta' tmien xhur. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri meta tqis li s-sitwazzjoni ta' emerġenza tkun intemmet u tħassar dawk l-atti ladarba dik is-sitwazzjoni tkun intemmet jew il-Kummissjoni tkun emendat l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni, skont liema sseħħ l-ewwel.<sup>47</sup>;

---

Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194/1, 19.7.2016 p. 1) NOTA: għandha tiġi aġġornata ladarba l-NIS2 tidħol fis-seħħ (Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148, 2020/0359(COD))

- (9) fl-Artikolu 8(1), ir-referenza għad-"Direttiva 98/34/KE" hija sostitwita bir-referenza għad-"Direttiva (UE) 2015/1535";
- (10) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 10*

### **Regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza**

1. Id-data li tikkostitwixxi data personali skont it-tifsira tal-Artikolu 4, punt (1) tar-Regolament (UE) 2016/679\*, għandha tiġi pproċessata skont din id-Direttiva biss sa fejn tali pproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq tal-applikazzjonijiet, is-servizzi u l-azzjonijiet tas-STI identifikati fl-Anness I bil-ħsieb li jiġu żgurati s-sikurezza jew is-sigurtà fit-toroq, u t-titjib tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-mobbiltà jew tal-inċidenti.

---

<sup>47</sup> Nota: l-aħħar sentenza ttieħdet mill-Artikolu 15(3).

2. Fejn l-ispeċifikazzjonijiet adottati skont l-Artikolu 6 jikkonċernaw l-ipproċessar ta' data li tkun data personali kif definit fl-Artikolu 4, punt (1) tar-Regolament (UE) 2016/679, dawn għandhom jistabbilixxu l-kategoriji ta' dik id-data u jipprevedu salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE. F'dak il-każ, il-valutazzjoni tal-impatt imsemmija fl-Artikolu 6(7)<sup>48</sup> għandha tinkludi analiżi tal-impatt ta' tali pproċessar fuq il-protezzjoni tad-data personali inkwistjoni.

3. Fejn xieraq, għandu jiġi mħeġġeġ l-użu ta' data anonima jew il-psewdonimizzazzjoni tad-data.

---

\* Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).";

(11) Jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

*"Artikolu 10a*

#### **Sistema ta' ġestjoni tal-kredenzjali tas-sigurtà tas-C-ITS tal-UE**

L-ispeċifikazzjonijiet għall-qasam ta' prijorità msemmi fl-Artikolu 2(1), punt (d) li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha skont l-Artikolu 6(8), għandhom jistabbilixxu s-sistema ta' ġestjoni tal-kredenzjali tas-sigurtà tas-C-ITS tal-UE msemmija fil-punt 4.3 tal-Anness I. Ir-rwoli li ġejjin ta' dik is-sistema għandhom jiġu speċifikati:

- (a) l-awtorità tal-politika taċ-ċertifikati tas-C-ITS;
- (b) il-manixer tal-lista ta' fiduċja tas-C-ITS;
- (c) il-punt ta' kuntatt tas-C-ITS.

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli biex tiżgura li dawk ir-rwoli jiġu mwettqa." ;

---

<sup>48</sup> Nota: L-Artikolu 6(7) jaqra: "Il-Kummissjoni għandha twettaq stima tal-impatt inkluża analiżi tal-benefiċċju mqabbel mal-ispiża qabel l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet."

(12) fl-Artikolu 12(2), "27 ta' Awwissu 2017" hija sostitwita bi "[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]";

(13) L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 15*

#### **Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat Ewropew tas-STI (EIC). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

\* Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";

(14) L-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 17*

## Rappurtar<sup>49</sup>

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni sa [Data tad-dħul fis-seħħ + 18-il xahar] rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tal-atti delegati adottati abbażi tagħha, kif ukoll dwar l-attivitajiet u l-proġetti nazzjonali ewlenin tagħhom rigward l-oqsma ta' prijorità u rigward id-disponibbiltà tad-data u s-servizzi elenkati fl-Annessi III u IV.
2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-mudell għar-rapporti inizjali u ta' progress li jinkludi lista ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom, fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità u abbażi tal-aħjar Prattiki, jiddistingwu bejn indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin obligatorji li għandhom jiġu inklużi fir-rapporti u indikaturi addizzjonali li jistgħu jiġu inklużi f'tali rapporti fejn xieraq. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(4).
3. Wara r-rapport inizjali, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull tliet snin dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħha. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-iskadenzi għar-rappurtar stabbiliti fl-atti delegati adottati abbażi tal-Artikolu 6 ikunu allinjati ma' dik il-frekwenza.
4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta, mhux aktar tard minn 18-il xahar wara kull skadenza għar-rapporti tal-Istati Membri, rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħha. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn analiżi dwar il-funzjonament u l-implimentazzjoni, inkluż ir-riżorsi finanzjarji użati u meħtieġa, tal-Artikoli 5 sa 11 u tal-Artikolu 16, u għandu jivvaluta l-ħtieġa li din id-Direttiva tiġi emendata, fejn ikun il-każ.

---

<sup>49</sup> Nota: It-termini tal-programm ta' ħidma huma trasferiti għall-Artikolu 4a l-ġdid.

- (15) L-Annessi I u II huma sostitwiti bit-test fl-Annessi I u II għal din id-Direttiva;
- (16) Jiżdiedu l-Annessi III u IV kif jinsabu fl-Annessi III u IV għal din id-Direttiva.

## *Artikolu 2*

### **Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [Data tad-dħul fis-seħħ + 24 xahar]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.  
  
Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

## *Artikolu 3*

### **Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## *Artikolu 4*

### **Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

[...]

## ANNEX I

### OQSMA TA' PRIJORITÀ

#### (kif imsemmija fl-Artikolu 2)

1. Qasam ta' priyorità I: Servizzi tas-STI ta' informazzjoni u ta' mobbiltà

L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards għas-servizzi tas-STI ta' informazzjoni u ta' mobbiltà għall-passiġġieri għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

1.1. Speċifikazzjonijiet għas-servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali mal-UE kollha (inkluż servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali mal-UE kollha)

Id-definizzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa biex is-servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali u servizzi simili mal-UE kollha li jipprovdu informazzjoni u karatteristiċi ta' prenotazzjoni jew ta' xiri għal aktar minn operatur tat-trasport wieħed fl-istess mezz ta' trasport ikunu akkurati u disponibbli b'mod transfruntier għall-utenti tas-STI, abbażi ta':

1.1.1. id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data eżistenti u akkurata dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar għas-servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali għall-fornituri tas-servizzi tas-STI mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet tas-sikurezza u tal-ġestjoni tat-trasport;

1.1.2. il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-partijiet ikkonċernati u l-fornituri rilevanti tas-servizzi tas-STI, b'mod transfruntier, b'mod partikolari permezz ta' interkonnexxjonijiet standardizzati;

1.1.3. l-aġġornament f'waqtu mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti tad-data disponibbli dwar it-traffiku multimodali u tal-ivvjaġġar, użata għal servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali;

1.1.4. l-aġġornament f'waqtu tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali, inkluż informazzjoni relatata mal-prenotazzjoni u max-xiri fejn rilevanti ta' servizzi tat-trasport, mill-fornituri tas-servizzi tas-STI.

1.2. Speċifikazzjonijiet għal servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku fit-toroq u dwar in-navigazzjoni mal-UE kollha (inkluż servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali mal-UE kollha)

Id-definizzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa biex is-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku fit-toroq u ta' navigazzjoni mal-UE kollha jkunu akkurati u disponibbli b'mod transfruntier għall-utenti tas-STI, abbażi ta':

- 1.2.1. id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' data eżistenti u akkurata dwar it-toroq u t-traffiku, inkluż data f'ħin reali, użata għal informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali lill-fornituri tas-servizzi tas-STI u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u għall-użu f'mapep diġitali, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet tas-sikurezza u tal-ġestjoni tat-trasport;
- 1.2.2. il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, il-partijiet ikkonċernati u l-fornituri rilevanti tas-servizzi tas-STI, b'mod transfruntier, inkluż feedback dwar il-kwalità tad-data;
- 1.2.3. l-aġġornament f'waqtu tad-data disponibbli dwar it-toroq u t-traffiku użata għall-informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti;
- 1.2.4. l-aġġornament f'waqtu tal-informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali għall-utenti tat-toroq u għall-partijiet ikkonċernati rilevanti oħra mill-fornituri tas-servizzi tas-STI.
- 1.3. Speċifikazzjonijiet għas-servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali mal-UE kollha u għas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku fit-toroq u ta' navigazzjoni
  - 1.3.1. Id-definizzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa għall-ġbir mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u/jew, fejn hu rilevanti, mis-settur privat tad-data dwar it-toroq u t-traffiku (jiġifieri l-pjanijiet taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, ir-regolamenti tat-traffiku u r-rotot rakkomandati, b'mod speċjali għall-vetturi tqal tal-merkanzija) u għall-ġhoti ta' dawn lill-fornituri tas-servizzi tas-STI, abbażi ta':
    - 1.3.1.1. id-disponibbiltà, għall-fornituri tas-servizzi tas-STI, ta' data eżistenti dwar it-toroq u t-traffiku (jiġifieri l-pjanijiet taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, ir-regolamenti tat-traffiku u r-rotot rakkomandati) miġbura mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u/jew mis-settur privat;
    - 1.3.1.2. il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-fornituri tas-servizzi tas-STI u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;
    - 1.3.1.3. l-aġġornament f'waqtu, mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u/jew, fejn rilevanti, mis-settur privat, tad-data dwar it-toroq u dwar it-traffiku (jiġifieri l-pjanijiet taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, ir-regolamenti tat-traffiku u r-rotot rakkomandati);
    - 1.3.1.4. l-aġġornament f'waqtu, mill-fornituri tas-servizzi tas-STI, tas-servizzi u l-applikazzjonijiet tas-STI bl-użu ta' din id-data dwar it-toroq u t-traffiku.
  - 1.3.2. Id-definizzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa biex id-data dwar it-toroq, it-traffiku u l-infrastruttura rilevanti tal-ivvjaġġar u multimodali użata għall-mapep diġitali tkun akkurata u disponibbli, fejn ikun possibbli, għall-produtturi u għall-fornituri tas-servizzi tal-mapep diġitali, abbażi ta':
    - 1.3.2.1. id-disponibbiltà ta' data eżistenti dwar it-toroq, it-traffiku u l-infrastruttura rilevanti tal-ivvjaġġar u multimodali, inkluż in-nodi ta' aċċess identifikati, użati għall-mapep diġitali, għall-produtturi u l-fornituri tas-servizzi tal-mapep diġitali;
    - 1.3.2.2. il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-partijiet ikkonċernati u l-produtturi u l-fornituri tas-servizzi privati tal-mapep diġitali;

1.3.2.3. l-aġġornament f'waqtu tad-data dwar it-toroq u t-traffiku għall-mapep diġitali mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u mill-partijiet ikkonċernati;

1.3.2.4. l-aġġornament f'waqtu tal-mapep diġitali mill-produtturi u mill-fornituri tas-servizzi tal-mapep diġitali.

2. Qasam ta' prijorità II: Servizzi tal-STI tal-ivvjaġġar, tat-trasport u tal-ġestjoni tat-traffiku

L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards għas-servizzi tas-STI tal-ivvjaġġar, tat-trasport u tal-ġestjoni tat-traffiku għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

2.1. Speċifikazzjonijiet għal servizzi mtejba ta' ġestjoni tat-traffiku u tal-inċidenti

Id-definizzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa għall-appoġġ u għall-armonizzazzjoni ta' servizzi mtejba ta' ġestjoni tat-traffiku u tal-inċidenti, abbażi ta':

2.1.1. id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' data eżistenti u akkurata dwar it-toroq u t-traffiku u ta' data dwar l-aċċidenti u l-inċidenti meħtieġa għas-servizzi ta' ġestjoni tat-traffiku u tal-inċidenti;

2.1.2. il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data, inkluż id-data dwar il-merkanzija rilevanti għall-ġestjoni tat-traffiku u tal-inċidenti (pereżempju ġarr ta' oġġetti perikolużi, restrizzjonijiet tal-aċċess relatati mal-merkanzija, vaguni ta' daqs eċċessiv), bejn iċ-ċentri tal-ġestjoni tat-traffiku, iċ-ċentri tal-informazzjoni dwar it-traffiku, il-partijiet ikkonċernati u l-fornituri rilevanti tas-servizzi tas-STI, bejn il-fruntieri, b'mod partikolari permezz ta' interkonnessjonijiet standardizzati;

2.1.3. l-aġġornament f'waqtu tad-data disponibbli dwar it-toroq u t-traffiku u d-data dwar l-aċċidenti u l-inċidenti meħtieġa għal servizzi mtejba ta' ġestjoni tat-traffiku u tal-inċidenti mill-partijiet ikkonċernati rilevanti;

2.1.4. id-disponibbiltà tad-data u s-sinerġiji ma' inizjattivi oħra li għandhom l-għan li jappoġġaw il-multimodalità, l-integrazzjoni tal-modi u l-faċilitazzjoni tal-bidla modali fuq in-network Ewropew tat-trasport lejn l-aktar modi sostenibbli tat-trasport, permezz tal-armonizzazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni tad-data<sup>50</sup>.

2.2. Speċifikazzjonijiet għas-servizzi ta' ġestjoni tal-mobbiltà

Id-definizzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' servizzi akkurati ta' ġestjoni tal-mobbiltà mill-awtoritajiet tat-trasport pubbliċi, abbażi ta':

2.2.1. id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' data eżistenti u akkurata dwar l-ivvjaġġar bit-triq u multimodali u dwar it-traffiku, meħtieġa għall-ġestjoni tal-mobbiltà, għall-awtoritajiet pubbliċi rilevanti mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data;

2.2.2. il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-partijiet ikkonċernati u l-fornituri rilevanti tas-servizzi tas-STI, b'mod transfruntier;

---

<sup>50</sup> Bħar-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33), u l-ħidma li saret mill-Forum tat-Transport u l-Loġistika Diġitali (DTLF).



2.2.3. l-aġġornament f'waqtu tad-data disponibbli dwar l-ivvjaġġar bit-triq u multimodali u dwar it-traffiku, meħtieġa għall-ġestjoni tal-mobbiltà mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.

### 2.3. Qafas tal-UE għall-arkitettura tas-STI

Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-iżvilupp tal-arkitettura qafas tal-UE tas-STI, li jindirizzaw speċifikament l-interoperabbiltà, il-kontinwità tas-servizzi u l-aspetti multimodali relatati mas-STI, fejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom f'kooperazzjoni mas-settur privat jistgħu jiżviluppaw l-arkitettura tas-STI proprja tagħhom għall-mobbiltà fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.

### 2.4. Applikazzjonijiet tas-STI u loġistika tat-trasport tal-merkanzija

Id-definizzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa biex tiġi appoġġata r-realizzazzjoni tal-applikazzjonijiet tas-STI għal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija, b'mod partikolari r-rintraċċar u t-traċċar tal-merkanzija u ta' servizzi oħra ta' viżibbiltà matul il-vjaġġ tagħha u f'mezzi tat-trasport differenti, abbażi ta':

2.4.1. id-disponibbiltà tat-teknoloġiji rilevanti tas-STI u l-użu tagħhom mill-iżviluppaturi tal-applikazzjonijiet tas-STI;

2.4.2. id-disponibbiltà ta' data relatata mal-merkanzija, aċċessibbli permezz ta' oqfsa speċifiċi oħra ta' kondiviżjoni tad-data<sup>51</sup>;

2.4.3. l-integrazzjoni tar-riżultati tal-pożizzjonament fl-għodod u fiċ-ċentri tal-ġestjoni tat-traffiku.

### 3. Qasam ta' prijorità III: Servizzi tas-STI ta' sikurezza u sigurtà fit-toroq

L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards għas-servizzi tas-STI ta' sikurezza u sigurtà fit-toroq għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

#### 3.1. Speċifikazzjonijiet għall-eCall interoperabbli fl-UE kollha

Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-forniment armonizzat ta' eCall interoperabbli fl-UE kollha, li jinkludu:

3.1.1. id-disponibbiltà tad-data tas-STI meħtieġa fil-vetturi li trid tiġi skambjata;

3.1.2. id-disponibbiltà tat-tagħmir meħtieġ fiċ-ċentri ta' rispons għal sejħiet ta' emerġenza li jirċievu d-data li tkun ntbagħtet mill-vetturi;

3.1.3. il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data bejn il-vetturi u ċ-ċentri ta' rispons għal sejħiet ta' emerġenza, inkluż l-interazzjoni possibbli mad-data fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1056 u mal-e-CMR\* pereżempju fil-każ ta' oġġetti perikolużi.

---

<sup>51</sup> Bħar-Regolament (UE) 2020/1056.

---

\*Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ta' Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija bit-Triq (CMR) dwar in-nota ta' konsenja elettronika

3.2. Speċifikazzjonijiet għas-servizzi ta' informazzjoni u ta' prenotazzjoni għal postijiet ta' parkeġġ bla periklu u siguri għal trakkijiet u vetturi kummerċjali

Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi ta' informazzjoni u, fejn rilevanti, ta' prenotazzjoni bbażati fuq is-STI għal postijiet ta' parkeġġ bla periklu u siguri għal trakkijiet u vetturi kummerċjali, b'mod partikolari f'żoni ta' servizz u ta' mistrieħ fit-toroq, abbażi ta':

3.2.1. id-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar il-parkeġġ fit-toroq għall-utenti;

3.2.2. il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data bejn is-siti u l-ispazji ta' parkeġġ fit-toroq, iċ-ċentri u l-vetturi;

3.2.3. l-integrazzjoni tat-teknoloġiji rilevanti tas-STI kemm fil-vetturi kif ukoll fil-faċilitajiet tal-parkeġġ fit-toroq biex tiġi aġġornata l-informazzjoni dwar l-ispazji ta' parkeġġ disponibbli għall-finijiet ta' prenotazzjoni.

3.3. Speċifikazzjonijiet għall-informazzjoni minima universali dwar it-traffiku relatata mas-sikurezza fit-toroq

Id-definizzjoni tar-rekwiżiti minimi, għall-"informazzjoni universali dwar it-traffiku" relatata mas-sikurezza fit-toroq ipprovduta, fejn ikun possibbli, mingħajr ħlas għall-utenti kollha tat-toroq, kif ukoll il-kontenut minimu tagħhom, abbażi ta':

3.3.1. id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' data akkurata dwar l-avvenimenti relatati mas-sikurezza u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-informazzjoni dwar it-traffiku relatata mas-sikurezza u għas-servizzi ta' ġestjoni tal-inċidenti;

3.3.2. il-varar jew l-użu tal-mezzi biex jinstabu jew biex jiġu identifikati avvenimenti u kundizzjonijiet relatati mas-sikurezza;

3.3.3. l-identifikazzjoni u l-użu ta' lista standardizzata ta' avvenimenti tat-traffiku relatati mas-sikurezza ("messaġġi universali dwar it-traffiku") li jenħtieġ li jiġu kkomunikati lill-utenti tas-STI mingħajr ħlas;

3.3.4. il-kompatibbiltà u l-integrazzjoni tal-"messaġġi universali dwar it-traffiku" fis-servizzi tas-STI għal informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali u l-ivvjaġġar multimodali.

3.4. Speċifikazzjonijiet għal azzjonijiet oħra

- 3.4.1. Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa biex tiġi appoġġata s-sikurezza tal-utenti tat-triq fir-rigward tal-Interkonnessjoni bejn il-Magni u l-Bniedem abbord il-vetturi u l-użu ta' tagħmir nomadiku biex jiġu appoġġati l-attività tas-sewqan u/jew l-operazzjoni ta' trasport, kif ukoll is-sigurtà tal-komunikazzjonijiet fil-vetturi barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>52</sup>, tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>53</sup> u tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>54</sup>.
- 3.4.2. Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jittejjbu s-sikurezza u l-kumdità tal-utenti vulnerabbli tat-toroq għall-applikazzjonijiet rilevanti kollha tal-STI barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- 3.4.3. Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-integrazzjoni ta' sistemi avvanzati ta' informazzjoni ta' appoġġ għas-sewwieqa fil-vetturi u fl-infrastruttura tat-toroq barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- 3.4.4. Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi ta' applikazzjonijiet tas-STI tas-sigurtà, bħal appoġġ għall-irkupru ta' vetturi jew ta' oġġetti misruqa, u l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, b'kunsiderazzjoni xierqa ta' oqfsa eżistenti u emerġenti oħra mmirati lejn l-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tad-data fil-mobbiltà u t-trasport barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

<sup>52</sup> Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

<sup>53</sup> Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u l-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).

<sup>54</sup> Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

4. Qasam ta' prijorità IV: Servizzi tas-STI għal mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata

L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards għall-konnessjoni tal-vetturi mal-infrastruttura tat-trasport, għas-sensibilizzazzjoni u biex isiru possibbli servizzi ta' mobbiltà awtomatizzati ħafna għandhom jinkludu dan li ġej, mingħajr preġudizzju għall-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards fir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill:

- 4.1. Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa sabiex isir aktar progress fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' sistemi ta' trasport intelliġenti kooperattivi (vettura-vettura, vettura-infrastruttura, infrastruttura-infrastruttura), b'mod partikolari biex jappoġġaw is-CCAM, abbażi ta':
  - 4.1.1. il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' data jew ta' informazzjoni bejn il-vetturi, bejn l-infrastrutturi u bejn il-vetturi u l-infrastrutturi u bejn utenti oħra tat-toroq u l-vetturi u l-infrastrutturi;
  - 4.1.2. id-disponibbiltà tad-data jew tal-informazzjoni rilevanti li trid tiġi skambjata għall-partijiet rispettivi tal-vetturi jew tal-infrastruttura tat-toroq;
  - 4.1.3. l-użu ta' format standardizzat tal-messaġġi għal dan l-iskambju tad-data jew informazzjoni bejn il-vetturi u l-infrastruttura;
  - 4.1.4. id-definizzjoni ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-iskambju ta' data jew tal-informazzjoni bejn vetturi, bejn infrastrutturi u bejn il-vetturi u l-infrastrutturi;
  - 4.1.5. l-użu ta' proċessi ta' standardizzazzjoni għall-adozzjoni tal-arkitetturi rispettivi.
- 4.2. Speċifikazzjonijiet għas-servizzi
  - 4.2.1. Servizzi ta' informazzjoni u ta' twissija tas-C-ITS abbażi ta' data dwar l-istatus li jżidu l-għarfien tal-utenti tat-trasport dwar sitwazzjonijiet tat-traffiku li ġejjin;
  - 4.2.2. Servizzi ta' informazzjoni u ta' twissija tas-C-ITS abbażi ta' osservazzjonijiet li jkomplu jżidu l-għarfien tal-utenti tat-trasport dwar sitwazzjonijiet ta' traffiku li ġejjin, inkluż l-utenti tat-trasport mhux konnessi;
  - 4.2.3. Servizzi tas-C-ITS abbażi ta' intenzjonijiet li jippermettu lill-vetturi jindirizzaw xenarji kumplessi tat-traffiku u jippermettu sewqan awtomatizzat ħafna;
  - 4.2.4. Servizzi tal-infrastruttura tas-C-ITS biex jiġi appoġġat is-sewqan awtomatizzat.
- 4.3. Speċifikazzjonijiet għas-sistema ta' ġestjoni tal-kredenzjali tas-sigurtà tas-C-ITS tal-UE
  - 4.3.1. il-politika taċ-ċertifikati għall-ġestjoni taċ-ċertifikati pubbliċi ewlenin għas-servizzi tas-C-ITS;
  - 4.3.2. l-istabbiliment tar-rwol tal-awtorità tal-politika taċ-ċertifikati tas-C-ITS, tal-manijer tal-lista ta' fiduċja tas-C-ITS u tal-punt ta' kuntatt tas-C-ITS;
  - 4.3.3. politika tas-sigurtà għall-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni f'C-ITS."

## ANNEX II

### PRINĊIPJI GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET U L-VARAR TAS-SISTEMI STI

(kif imsemmija fl-Artikoli 5, 6, 7 u 8)

L-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet, il-ħruġ tal-mandati għall-istandards u l-għażla u l-varar tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI għandhom ikunu bbażati fuq evalwazzjoni tal-ħtiġijiet li tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati kollha, u għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin. Dawn il-miżuri għandhom:

(a)	ikunu effettivi	–	jagħtu kontribut tanġibbli għas-soluzzjoni tal-isfidi prinċipali li jaffettwaw it-trasport bit-triq fl-Ewropa (pereżempju t-tnaqqis tal-konġestjoni, it-tnaqqis tal-emissjonijiet, it-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija, il-ksib ta' livelli oġhla ta' sikurezza u sigurtà inkluż għall-utenti vulnerabbli tat-toroq);
(b)	ikunu kosteffiċjenti	–	jottimizzaw il-proporzjon tal-kostijiet relattivament għall-prestazzjoni fir-rigward tal-oġettivi milħuqa;
(c)	ikunu proporzjonati	–	jipprevedu, fejn xieraq, livelli differenti ta' kwalità u varar tas-servizz illi jistgħu jinkisbu, b'kont meħud tal-ispeċifikitajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej;
(d)	jappoġġaw il-kontinwità tas-servizzi	–	jiżguraw servizzi mingħajr interruzzjoni fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari fin-network trans-Ewropew, u fejn ikun possibbli fil-fruntieri esterni tagħha, meta jiġu varati s-servizzi tas-STI. Il-kontinwità tas-servizzi jenħtieġ li tkun żgurata f'livell adattat għall-karatteristiċi tan-networks tat-trasport li jikkollegaw pajjiżi ma' pajjiżi, u fejn ikun il-każ, reġjuni ma' reġjuni u bliet ma' żoni rurali;
(e)	jipprovdu l-interoperabbiltà	–	jiżguraw li s-sistemi u l-proċessi tan-negozju sottostanti jkollhom il-kapaċità għall-iskambju ta' data u għall-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien sabiex ikun jista' jiġi pprovdut servizz effettiv tas-STI;
(f)	jappoġġaw ir-retrokompatibbiltà	–	jiżguraw, fejn iġġustifikat, il-kapaċità għas-STI li jaħdmu ma' sistemi eżistenti li jikkondividu għan komuni, mingħajr

			ma jostakolaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u filwaqt li jappoġġaw, fejn rilevanti, il-komplementarjetà ma' teknoloġiji ġodda jew it-tranżizzjoni għalihom;
(g)	jirrispettaw l-infrastruttura nazzjonali eżistenti u l-karatteristiċi tan-network	–	iqisu d-differenzi inerenti fil-karatteristiċi tan-networks tat-transport, b'mod partikolari fid-daqsijiet tal-volumi tat-traffiku u fil-kundizzjonijiet tat-temp fit-toroq;
(h)	jippromwovu l-ugwaljanza tal-aċċess	–	la jimpedixxu u lanqas jiddiskriminaw kontra l-aċċess għall-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI mill-utenti vulnerabbli tat-toroq. Fejn rilevanti, ikunu aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità tal-Anness I tad-Direttiva 2019/882 meta l-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI jkunu maħsuba li jiffurmaw interkonnessjoni ma' jew li jipprovdu informazzjoni lill-utenti tas-STI b'diżabbiltà; ikunu faċli għall-utent għal persuni b'għarfien diġitali limitat;
(i)	jappoġġaw il-maturità	–	juru, wara valutazzjoni tar-riskju adatta, ir-robustezza tas-STI innovattivi, permezz ta' livell suffiċjenti ta' żvilupp tekniku u sfruttament operazzjonali;
(j)	jipprovdu kwalità fil-kronometraġġ u l-pożizzjonament	–	jiżguraw il-kompatibilità tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI, li jiddependu mill-kronometraġġ jew mill-pożizzjonament, ma' mill-inqas is-servizzi ta' navigazzjoni pprovdu mill-Galileo, inkluż l-Awtentikazzjoni tal-Messaġġi tan-navigazzjoni b'Servizz Miftuħ u servizzi oħra ta' Galileo b'has-Servizz b'Akkuratezza Għolja, meta tali servizz isir disponibbli, u mas-sistemi tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja ("EGNOS"). Fejn xieraq, jiżguraw li l-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI li jiddependu fuq data ta' osservazzjoni tad-dinja jużaw id-data, l-informazzjoni jew is-servizzi ta' Copernicus. Tista' tintuża wkoll kemm data oħra kif ukoll servizzi oħra minbarra d-data ta' Copernicus;

(k)	jiffaċilitaw l-intermodalità	–	iqisu l-koordinazzjoni tad-diversi mezzi tat-trasport, fejn xieraq, waqt il-varar tas-STI;
(l)	jirrispettaw il-koerenza	–	iqisu r-regoli, il-politiki u l-attivitajiet eżistenti tal-Unjoni li huma rilevanti fil-qasam tas-STI, b'mod partikolari fil-qasam tal-istandardizzazzjoni u, għall-ispeċifikazzjonijiet, il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika kif stabbilit fid-Direttiva 2018/1972;
(m)	jipprovdu trasparenza u affidabbiltà	–	jipprovdu trasparenza, pereżempju billi jiżguraw it-trasparenza tal-klassifikazzjoni meta jiġu proposti għażliet ta' mobbiltà lill-klijenti.

!

## ANNEX III

Lista tat-tipi ta' data

<p>1. Relatata mal-forniment ta' informazzjoni dwar it-traffiku fit-toroq u servizzi ta' navigazzjoni fl-UE kollha (kif imsemmi fl-Anness I, Qasam ta' prijorità I, paragrafi 1.2, 1.3):</p>
<p>1.1. Ir-regolamenti tat-traffiku statiku u dinamiku, fejn applikabbli, li jirrigwardaw it-tipi ta' data li ġejjin:</p> <p>Tipi ta' data:</p> <ul style="list-style-type: none"><li>- il-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-mini</li><li>- il-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-pontijiet</li><li>- il-limiti tal-veloċità</li><li>- ir-regolamenti dwar il-kunsinna tal-merkanzija</li><li>- il-projbizzjonijiet ta' sorpass għal vetturi tqal tal-merkanzija</li><li>- id-direzzjoni tal-ivjaġġar f'korsiji riversibbli</li><li>- restrizzjonijiet fuq il-piż/it-tul/il-wisa'/l-għoli<sup>55</sup></li></ul> <p>- it-toroq f'direzzjoni waħda<sup>56</sup></p>
<p>- pjaniet taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku</p>
<p>- restrizzjonijiet ta' aċċess permanenti</p> <p>- il-konfini tar-restrizzjonijiet, il-projbizzjonijiet jew l-obbligi b'validità żonali, l-istatus ta' aċċess attwali u l-kundizzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni f'żoni tat-traffiku rregolati<sup>57</sup></p>

<sup>55</sup> Nota: Żieda li tirriżulta mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/670 (servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha).

<sup>56</sup> Ara n-nota preċedenti ta' qiegħ il-paġna.

<sup>57</sup> Ara n-nota preċedenti ta' qiegħ il-paġna.



1.2. Data dwar l-istat tan-network:
<p><u>Tipi ta' data:</u></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- toroq magħluqa</li> <li>- korsiji magħluqa</li> <li>- xogħlijiet fit-triq</li> </ul> <p>- miżuri ta' ġestjoni tat-traffiku temporanji</p>
2. Data relatata ma' informazzjoni u servizzi ta' prenotazzjoni għal postijiet ta' parkeġġ sikuri u siguri għat-trakkijiet u l-vetturi kummerċjali (kif imsemmi fl-Anness I, Qasam ta' prijorità III, paragrafu 3.2):
<p><u>Tipi ta' data:</u></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- data statika relatata maż-żoni tal-parkeġġ</li> <li>- informazzjoni dwar is-sikurezza u t-tagħmir taż-żona tal-parkeġġ</li> </ul> <p>- data dinamika dwar id-disponibbiltà tal-postijiet tal-parkeġġ inkluż jekk parkeġġ huwiex: mimli, magħluq, jew l-għadd ta' postijiet vojta disponibbli.</p>
3. Data dwar avvenimenti identifikati relatati mas-sikurezza fit-toroq jew dwar kundizzjonijiet identifikati relatati mal-informazzjoni minima universali dwar it-traffiku stradali relatata mas-sikurezza (kif imsemmi fl-Anness I, Qasam ta' prijorità III, paragrafu 3.3):
<p><u>Tipi ta' data:</u></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- triq temporanjament tiżloq</li> <li>- annimal, persuni, ostakli, skart fit-triq</li> <li>- żona ta' aċċidenti mhux protetta</li> <li>- xogħlijiet fit-toroq għal żmien qasir</li> <li>- viżibbiltà mnaqqsa</li> <li>- sewwieq fid-direzzjoni l-ħażina</li> <li>- imblukkar mhux ġestit ta' triq</li> </ul> <p>- kundizzjonijiet eċċezzjonali tat-temp</p>

4. Data statika dwar it-traffiku multimodali għal servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha (kif imsemmi fl-Anness I, Qasam ta' prijorità I, paragrafi 1.1 u 1.3):

Tipi ta' data:

Il-post tan-nodi ta' aċċess identifikati għall-modi skedati kollha, inkluż informazzjoni dwar l-aċċessibilità tan-nodi ta' aċċess u tal-mogħdijiet f'interkambju (bħall-eżistenza ta' liftijiet, skali mobbli)

## ANNEX IV

Lista ta' servizzi tas-STI

Servizz ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku relatata mas-sikurezza fit-toroq (SRTI) (kif imsemmi fl-Anness I, qasam ta' prijorità III, paragrafu 3.3

!